

# 100 sena ilu
## nġiebet l-Isfera tal-Festa

*minn Paul Dimech*

Il-knisja parrokkjali u matriċi tat-Trinità Qaddisa fil-Marsa hija mżejna b'diversi opri artistiċi f'kull qasam bħal pittura, mużajk, rakkmu u arġenterija tal-metall u l-fidda fost l-oħrajn. Imma oġġett imprezzabbli li jiġbed l-attenzjoni huwa bla dubju l-isfera li fiha jitpoġġa Ġesù Ewkaristija u li fil-jiem tal-festa tkun fuq waħda mill-gradenzini ta' fuq il-presbiterju. Din is-sena 2016 l-isfera tagħlaq mitt sena minn mindu nġiebet fil-parroċċa.

Il-kavallier Lorenzo Balbi u martu Marija Karmela ħallsu għall-bini tal-knisja u l-kunvent u ħasbu biex jinġiebu mill-Ġermanja sett ta' sitt kalċijiet u sfera tal-fidda li rregalaw lill-parroċċa għall-użu tal-funzjonijiet liturġiċi, fosthom il-purċissjoni tal-festa titulari. Il-knisja tal-Marsa kellha l-grazzja li jkollha l-prokuratur Patri Rafel Hockey, Kapuċċin mill-Isla. Dan il-prokuratur ħabrieki dam f'din il-kariga mill-1913 sa mewtu nhar is-17 ta' Marzu 1940. Huwa ħadem kemm felaħ biex il-knisja jkollha opri artistiċi kbar. Biżżejjed issemmi t-tużell u l-armar tal-artal maġġur bil-gandlieri, l-appostli, il-kanupew, il-ventartal bit-terħa tar-rakkmu u mitt ħaġa oħra li għadna naraw u ngawdu sal-lum tul is-sena u fil-festa titulari. Dawn l-opri artistiċi huma xhieda tal-ġenerożità, l-imħabba u l-fidi tal-Marsin lejn id-dar t'Alla Trinità.

Patri Rafel Hockey xtaq li l-knisja tal-Marsa jkollha sfera singulari biex Ġesù Ewkaristija jinġarr fiha fil-purċissjoni tal-festa tat-Trinità Qaddisa. Għal dan l-iskop qaddis, il-Mulej ipprovda benefatturi li taw sehemhom għall-ispejjeż u d-dekorazzjoni tal-isfera, fosthom Filippu u Mikiel Cilia li taw l-offerta tagħhom għaliha tant li fuq wara nsibu kitba bil-Latin "Expensis Phillippi et Michaelis Cilia A.D. 1916". Għad-dekorazzjoni tal-isfera, minbarra l-għotjiet tal-koppja Balbi, il-providenza pprovdiet lis-sinjura Teodolinda Razzini li kienet toqgħod il-Marsa u li bil-ġojjelli u d-djamanti tal-familja tagħha żżejnet l-isfera. Biex tfakkar dan il-ġest ta' ġenerożità, fil-parti t'isfel nett tal-isfera hemm kitba li tfakkar il-memorja ta' Linda Razzini u l-mejjet żewġha Pawlu. Dik is-sena 1916 l-istess benefattriċi Razzini ħallset għal ċensier u navetta tal-fidda b'tifkira tal-mejta bintha unika Evelina.



Il-parti ta' fuq tal-isfera hija kollha fidda, indurata bid-deheb u mżejna b'rubini, djamanti u ħaġar prezzjuż li kienu msielet, labar u ornamenti tal-benefatturi msemmija. L-isfera hija twila 90 ċentimentru. Id-dawra fejn titpoġġa l-Ostja Mqaddsa hija mżejna bis-sħab li minnhom ħerġin raġġi ta' dija u mdawrin hemm sitt irjus ta' anġli. Iktar 'l isfel insibu l-weraq u l-għeneb flimkien maż-żbul tal-qamħ, simbolu tal-Ewkaristija. Il-parti ta' fuq tal-isfera tispiċċa b'kuruna barokka mill-isbaħ li fiha mdendlin bosta djamanti. Il-bażi fin-naħa t'isfel hija mbanjata bid-deheb, dekorata bi tliet irjus tal-anġli u taħt wieħed minnhom hemm id-data 1742. B'hekk turi li kienet inxtrat minn xi mkien ieħor.

Fl-isfera hemm rappreżentat is-simbolu tat-Trinità Qaddisa, it-trijangolu bl-għajn kollha dija fin-nofs għall-Missier, is-salib li jinsab fuq nett tal-kuruna għall-Iben, u l-Ispirtu Santu jidher forma ta' ħamiema fin-nofs tal-kuruna. L-isfera kienet tintuża għall-purċissjoni titulari sas-sena 1977 meta ħareġ il-permess mill-Vatikan sabiex issir vara tat-Trinità Qaddisa. L-isfera hija tqila u għandha ċinga bil-ganċ magħha li tintlibes ma' għonq iċ-ċelebrant biex isserraħ fuqu. L-isfera għadha tintuża fil-purċissjonijiet bis-Sagrament Imqaddes bħal dik ta' Corpus Christi, fil-ġilandra l-kbira tal-kwaranturi u biex tingħata l-barka sagramentali f'okkażjonijiet speċjali u fil-jiem tal-festa titulari.

Jekk kull oġġett għandu l-iskop tiegħu żgur li l-isfera hija oġġett imprezzabbli u ta' valur mhux għar-rikkezzi li għandha imma għax fiha jitpoġġa Ġesù Ewkaristija, veru Alla u veru Bniedem.